IL-PRIM MINISTRU
MALTA

17 ta' Frar 2011

Għażiż Dr Muscat,

Nirreferi għall-Mozzjoni Numru 208 preżentata nhar it-Tnejn 14 ta' Frar 2011 u li tipproponi li jinżamm referendum dwar id-dħul tad-divorzju f'Malta.

Kif għidtlek il-bieraħ, waqt il-laqgħa kordjali li kellna fl-uffiċċju tiegħi fil-Parlament, jiena jidhirli li l-kwistjoni dwar id-divorzju hija waħda ta' importanza enormi għall-poplu tagħna għaliex tmiss b'mod intimu l-istituzzjoni tal-familja f'pajjiżna. Hija wkoll kwistjoni delikata għaliex tolqot sitwazzjonijiet personali diffiċli li individwi jsibu ruħhom fihom wara kriżi fiż-żwieġ.

Personalment, jidhirli li r-responsabbiltà tagħna l-politiċi tikber b'mod qawwi meta niġu biex nilleġiżlaw fuq materja bħal din, speċjalment meta d-deċiżjonijiet tagħna jmissu d-destin tal-partijiet vulnerabbli, ewlenin fosthom l-ulied minorenni frott ta' żwieġ li jkun sfaxxa.

Intenni għalhekk dak li għidtlek il-bieraħ waqt il-laqgħa tagħna, jiġifieri illi għandna nagħmlu sforz ġenwin biex nippruvaw insibu *consensus* dwar il-metodu, anke jekk ma naqblux fuq is-sustanza. Nittama li b'dan il-mod, il-poplu tagħna jkun jista' jieħu deċiżjoni serena u motivata ladarba nkunu qbilna fuq proċess adegwat ta' riflessjoni.

Huwa proprju b'dan l-ispirtu li nixtieq li inti tagħmel żewġ emendi għall-mozzjoni li ressaqt.

1. <u>It-terminu ta' żmien biex jinżamm ir-referendum</u>

   L-ewwel emenda tittratta d-data ta' meta għandu jinżamm ir-referendum. Fil-mozzjoni inti proponejt skadenza ta' massimu ta' 40 ġurnata minn meta joħroġ ir-*writ*. Nifhem li inti ridt tevita li r-referendum isir waqt il-perjodu tad-Duluri

L-Onor Joseph Muscat
Kap tal-Oppożizzjoni

../..

u l-Għid; però jidhirli b'konvinzjoni li terminu qasir bħal dan ma jagħmilx ġustizzja mal-importanza tas-suġġett li dwaru trid tittieħed deċiżjoni ta' portata kruċjali.

Tenut kont ta' dawn iż-żewġ punti nissuġġerixxi li r-referendum isir nhar is-Sibt 28 ta' Mejju 2011.

2. Il-mistoqsija tar-referendum

Il-Mozzjoni tiegħek tixhed li l-*Private Member's Bill* Numru 206 dwar id-dħul tad-divorzju ma jgawdix l-appoġġ tal-maġġoranza tal-Membri Parlamentari. Kieku mhux hekk, huwa ovvju li inti kont tibqa' konsistenti mal-pożizzjoni li kellek sa nhar it-Tnejn li għadda u kont tibqa' tinsisti li jsir id-dibattitu u li jittieħdu l-voti kollha dwar dak l-abbozz. L-għażla tiegħek li tabbanduna dik it-triq tfisser biss li dak l-abbozz u l-kontenut tiegħu ma għandux l-appoġġ tal-maġġoranza tal-Membri Parlamentari miż-żewg naħat tal-Kamra. Għalhekk kellek tagħżel triq oħra u qed tipproponi li jsir referendum mingħajr ma jkun hemm abbozz ta' liġi approvat mill-Parlament.

Għal din ir-raġuni u b'onestà mal-elettorat tagħna, jidhirli li għandna nillimitaw il-mistoqsija għal għażla ċara, speċifika u raġjonevoli dwar jekk jaqbilx li f'Malta jidħol id-divorzju. Mistoqsija ċara, speċifika u raġjonevoli bħal din għandha l-mertu li tħalli lid-Deputati eletti fil-libertà li jirrispettaw l-għażla fir-referendum skont il-kuxjenza tagħhom u skont il-*free vote* li jingħatalhom.

Nissuġġerixxi li niltaqgħu flimkien fil-ġranet li ġejjin u nagħmlu sforz ġenwin ħalli jinstab il-qbil fuq dawn iż-żewġ punti.

Qiegħed nipproponi wkoll li nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2011 nibdew id-dibattitu fil-Parlament dwar din il-mozzjoni biex, jekk jista' jkun, dan jintemm sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 16 ta' Marzu 2011.

Filwaqt li nistenna mingħandek, nibgħat inselli għalik.

Lawrence Gonzi